**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 5 TA' LULJU, 2002**

**Numru: 3**

**Avviz Nru: 1296/02 AE**

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Johann Ciantar**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u wiehed liri Maltin u erbgha centezmi (Lm201.04), bilanc ta' prezz dovut lis-socjeta attrici fir-rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta attrici fix-xhur

bejn Awwissu 2001 u Frar 2002, skond Client Contract Number 4438.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat,  ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha lill-avukat Dr. Nicolai Muscat Farrugia in rapprezentanza tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li  l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra l-prospett li giet pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta tal-lum.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u wiehed liri Maltin u erbgha centezmu (Lm201.04), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez kollha (mhux inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur.**